



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel, 2.7.2004  
KUMM(2004) 453 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL,  
LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI  
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira**

{SEC(2004) 875}

## 1. SFOND

Il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar it-Trasport bil-Baħar<sup>1</sup> fuq Distanza Qasira fl-1995 u rapport ta' progress fl-1997<sup>2</sup>. Komunikazzjoni ulterjuri fl-1999<sup>3</sup> inkorporat it-tieni rapport dwar il-progress. Analizzat ukoll numru ta' ostakoli li jfixklu l-iżvilupp tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira u kienet favur metodu ta' ħidma bieb bieb b'post wieħed fejn tinqeda (*one stop shop*) sabiex tippromwovi dan il-mod ta' trasport.

Aktar minn hekk fl-2001 il-Karta Bajda tal-Kummissjoni dwar il-Politika Ewropea tat-Trasport għall-2010<sup>4</sup> stabbiliet numru ta' miri ambizzjużi sabiex tiżgura l-kompetittività u l-mobbiltà sostenibbli fl-Ewropa.

F'Ġunju ta' l-2002 il-Ministri tat-Trasport ta' l-Unjoni Ewropea kellhom laqgħa nformali f'Gijón (Spanja) interament dedikata għat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira. Wara din il-laqgħa, il-Kummissjoni ppreparat Programm għall-Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira<sup>5</sup>. Il-programm jistabbilixxi 14-il azzjoni li għandhom l-iskop li jtejbu t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira u li jneħħu l-ostakoli għall-iżivilupp tiegħu.

Il-Kummissjoni issa qed tippreżenta Komunikazzjoni ulterjuri dwar it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira fl-Ewropa li jissottolinja l-progress li sar mill-1999 u jorbtu mal-Programm dwar il-Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira (ara l-Anness II).

## 2. IT-TRASPORT BIL-BAĦAR FUQ DISTANZA QASIRA QED JIKBER

Fl-aħħar rapport ta' progress, aħna eżaminajna l-potenzjal tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira. Madanakollu, fil-frattemp irrealizzajna li dan huwa ferm aktar minn sempliċi potenzjal. Per eżempju, fid-disgħinijiet dan kien l-uniku metodu ta' trasport li ġie ppruvat li seta' jlaħħaq mat-tkabbir b'saħħtu fit-trasport bit-toroq. Bejn l-1995 u l-2002 ir-rendiment tunnellata-kilometru kemm tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira u tat-toroq kiber b'25%. Fl-2001, it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira kellu 40% tat-tunnellati-kilometri kolha fl-Ewropa filwaqt li s-sehem tat-trasport bl-art kien ta' 45%<sup>6</sup> Għal aktar dettalji, ara l-Anness II.

Ma hemm l-ebda dubju li t-trasport tal-passiġġieri huwa parti importanti mit-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira u li dan jgħin sabiex tiżdied il-koeżjoni. Madanakollu, peress illi l-mira ewlenija tal-promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira huwa li jintlaħaq xi forma ta' trasferiment lejn metodu ieħor ta' trasport ta' l-oġġetti, u peress illi l-potenzjal li titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku billi l-passiġġieri jgħaddu minn fuq l-art għal fuq il-baħar jidher li huwa marġinali xħin imqabbel mal-ġarr tal-merkanzija, din il-Komunikazzjoni tikkonċentra fuq it-trasport ta' l-oġġetti.

---

<sup>1</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Iżvilupp tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira fl-Ewropa – Prospetti u Sfidi, COM (95) 317 finali, 5.7.1995.

<sup>2</sup> Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni: Rapport ta' Progress mis-Servizzi tal-Kummissjoni wara r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira tal-11 ta' Marzu 1996, SEC(97) 877, 6.5.1997

<sup>3</sup> L-Iżvilupp tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira fl-Ewropa: Alternattiva Dinamika f'Katina ta' Trasport Sostenibbli – It-tieni Rapport ta' Progress Bijennali, COM (1999) 317 finali, 29.9.1999.

<sup>4</sup> Karta Bajda dwar il-Politika Ewropea ta' Trasport għall-2010; Ġmien ta' Deċiżjoni, COM (2001) 370, 12.9.2001.

<sup>5</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Programm għall-Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira, COM(2003) 155 finali, 7.4.2003.

<sup>6</sup> Figuri ta' l-UE dwar l-Enerġija u t-Trasport: Ktejjeb ta' l-Istatistika ta' l-2003.

### 3. BENEFIĊĊJI U NUQQASIJET AMBJENTALI

It-trasport bil-baħar għandu effiċjenza enerġetika ogħla mill-metodi l-oħrajn ta' trasport u, f'termini ġenerali huwa anqas ta' ħsara għall-ambjent. Iż-żieda fl-użu tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira ġeneralment ikun konformi mal-politiki tal-Komunità dwar it-trasport u l-ambjent (ara l-Anness III).

### 4. NEĠHLBU L-OSTAKOLI GĦALL-IŻVILUPP TAT-TRASPORT BIL-BAĦAR FUQ DISTANZA QASIRA

Kif intqal fil-Komunikazzjoni ta' l-1999 u l-Programm ta' l-2003 dwar il-Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira sussegwenti, fadal numru ta' ostakoli li jtellfu milli dan il-metodu ta' trasport milli jiżviluppa aktar malajr:

- Għadu ma laħaqx integrazzjoni sħiħa fil-katina tal-provvista bieb-bieb b'mezzi ta' trasport differenti;
- Għadu ma nfiridx mit-tikketta ta' industrija antikwata;
- Jinvolti proċeduri amministrattivi kkumplikati;
- Jitlob effiċjenza għolja fil-portijiet.

L-iżvilupp tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira huwa komplitu ewlieni ta' l-industriji. Madanakollu, l-awtoritajiet għandhom rwol ċar x'jilgħabu fil-ħolqien ta' qafas xieraq u ż-żamma kontinwa ta' dan il-metodu ta' trasport fuq quddiem fl-aġenda politika, kif sar tul dawn l-aħħar snin.

Il-katina ta' loġistika li tinvolvi t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira trid tkun immaniġġjata u negożjata minn *one-stop shops* bħal integraturi tal-merkanzija<sup>7</sup>. Dawn il-postijiet għandhom joffru lill-konsumaturi punt wieħed ta' kuntatt li jassumi r-responsabbiltà għall-katina tal-provvista bieb bieb kollha bil-mezzi ta' trasport differenti. Dan jitlob sforzi mill-partijiet kollha iżda hija dejjem sitwazzjoni ta' vantaġġ.

#### 4.1. “Eżerċizzju li jnaqqas il-Konġestjoni”

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Punti Fokali tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira<sup>8</sup>, ilha tiġbor lista ta' ostakoli li jtellfu l-iżvilupp tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira<sup>9</sup>. Fl-2003, ġew dedikati żewġ laqgħat sabiex jindirizzaw dawk il-punti ta' konġestjoni wieħed wieħed fil-kategoriji li ġejjin:

- Stampa tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira;
- Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira bieb bieb;
- Amministrazzjoni u dokumentazzjoni;
- Portijiet u servizzi tal-port;
- Materji tal-pajjiżi partikolari.

<sup>7</sup> Ara [http://europa.eu.int/comm/transport/logistics/index\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/transport/logistics/index_en.htm)

<sup>8</sup> Għal aktar dettalji fuq il-Punti Fokali tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira, ara l-kapitolu 7.1.

<sup>9</sup> Ara [http://europa.eu.int/comm/transport/maritime/sss/policy\\_bottlenecks\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/transport/maritime/sss/policy_bottlenecks_en.htm).

Numru ta' postijiet ta' konġestjoni fuq il-lista oriġinali ġew solvuti (ara l-Anness IV għal eżempji). Ix-xogħol fuq is-67 punt ta' konġestjoni li fadal ser jibqa' għaddej b'mod sistematiku.

#### 4.2. Proċeduri Doganali għat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira

Fl-2002 il-Kummissjoni ppreżentat Gwida dwar il-Proċeduri Doganali għat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira<sup>10</sup>. Il-Gwida għandha żewġ skopijiet. L-ewwel nett hija tidentifika r-regoli ta' l-UE fuq id-Dwana li japplikaw għat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira, inklużi l-opportunitajiet li hemm disponibbli sabiex jintużaw proċeduri tad-Dwana sempliċi. U, it-tieni din tipprovdi bażi konċiża għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet konkreti għal modifiki jew simplifikazzjonijiet ulterjuri.

Il-konsultazzjonijiet madwar l-Ewropa fuq il-Gwida spiċċaw f'April 2003 u l-ewwel analiżi tal-kontribuzzjonijiet urew li l-problemi konkreti assoċjati mar-regoli ġenerali ta' l-UE dwar id-Dwana jistgħu jkunu ħafna anqas milli wieħed kien jaħseb. Il-kummenti prinċipali ffokaw fuq l-hekk imsejjaħ "Servizz Regolari Awtorizzat ta' Trasport bil-Baħar"<sup>11</sup> li huwa servizz awtorizat mid-Dwana sabiex jinġarru oġġetti tal-Komunità bejn żewġ Stati Membri b'minimu ta' formalitajiet. Fil-fatt, għall-oġġetti tal-Komunità, dan is-servizz jista' jitqabbel ma' pont bejn żewġ jew aktar punti fit-territorju tad-Dwana tal-Komunità fejn m'hemm l-ebda kontrolli fuq tad-Dwana fuq iż-żewġ naħat tal-pont. L-istat ta' l-oġġetti tal-Komunità trasportati fuq dan is-servizz m'hemmx bżonn li jiġi ppruvat aktar milli fil-każ tat-trasport bit-toroq. Għal oġġetti mhux mill-Komunità, dan is-servizz jista' japplika għall-proċeduri simplifikati ta' transitu, bħall-użu tad-dikjarazzjonijiet tal-persuna li tipprovdi s-servizz stess għal finijiet ta' Dwana.

Sabiex jiġu ndirizzati domandi marbuta mas-Servizz Regolari Awtorizzat ta' Trasport bil-Baħar u l-applikazzjoni Prattika tiegħu, u t-tnaqqis tal-burokrazija, il-Kummissjoni f'Marzu ta' l-2004 ippreżentat Dokument ta' Ħidma<sup>12</sup> fejn spjegat it-tipi differenti ta' servizz u l-proċeduri dwar kif wieħed isir Servizz Regolari Awtorizzat ta' Trasport bil-Baħar. Id-Dokument jipprovdi risposta diretta lill-industrija tat-trasport bil-baħar billi jirrendi s-servizz aktar magħruf u aċċessibbli mill-kumpaniji li jistgħu jibbenefikaw minnu.

Xi problemi fil-kontribuzzjonijiet kienu ta' natura purament Prattika u setgħu ħafna drabi jiġi simplifikati jew solvuti bl-introduzzjoni tat-trasferiment elettroniku ta' data tad-Dwana u data amministrattiva oħra (e-Customs).

Bħala wieħed mill-ewwel passi fl-e-Customs, xi 3000 uffiċjal tad-Dwana fi 22 pajjiż issa implementaw is-Sistema l-Ġdida ta' Transitu Kompjuterizzat (NCTS) sa minn nofs l-2003. Taħt is-sistema attwali, il-proċedura marbuta mat-trasport skond id-dokument amministrattiv uniku (SAD) qed jiġi mibdul minn messaġġi elettroniċi. Huma ppjanati funzjonalitajiet addizzjonali li ser jiġu introdotti fl-NCTS fil-futur.

<sup>10</sup> Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni: Gwida għall-Proċeduri tad-Dwana għat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira, SEC(2002) 632, 29.5.2002.

<sup>11</sup> Cf. Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 75/98 tat-12 ta' Jannar 1998, ĠU L 7.13.1.1998, p.3 kif sussegwentement emendat.

<sup>12</sup> Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni: Proċeduri Doganali għat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira 'Servizz Regolari Awtorizzat ta' Trasport bil-Baħar', SEC(2004) 333, 17.3.2004.

Il-Kummissjoni f' Lulju ta' l-2003 ippreżentat Komunikazzjoni dwar ambjent sempliċi u mingħajr dokumenti għad-Dwana u l-Kummerċ<sup>13</sup>. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti li jtilgħu fuq il-vapur. Dan jista' finalment iwassal għal *one-stop shops* amministrattivi (jew *single windows*) għall-kummerċjanti li mbagħad ikollhom jinnegozjaw ma' korp amministrattiv wieħed biss minnflok ma tlieta jew erbgħa kif inhu l-każ bħalissa. Għaldaqstant, l-informazzjoni marbuta ma' konsenja impurtata partikolari trid tintbgħat darba biss.

Il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi wkoll l-aġġustament fil-Kodiċi tad-Dwana sabiex d-dikjarazzjonijiet elettroniċi u l-messaġġi jsiru r-regola u d-dikjarazzjonijiet fuq karta l-eċċezzjoni. Sabiex jinkiseb dan, madanakoillu, irid jgħaddi ż-żmien minħabba li l-flussi meħtieġa ta' data u jiġu stabbiliti ssystemi kompatibbli ta' l-IT.

Numru ta' problemi li kienu ndikati fil-konsultazzjonijiet kienu marbuta ma' l-applikazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali tar-regoli Doganali tal-Komunità. Xi wħud minn dawn il-materji jistgħu jiġu ndirizzati taħt l-inizzjattivi intiżi sabiex japprossimaw l-applikazzjonijiet nazzjonali tar-Regoli Doganali tal-Komunità u sabiex itejbu l-kooperazzjoni bejn is-servizzi nazzjonali tad-Dwana, b'mod partikolari permezz tal-programm ta' azzjoni fil-Komunità (Dwana 2007)<sup>14</sup> Aktar minn hekk, żewġ gruppi ta' kuntatt<sup>15</sup> ta' l-uffiċċji tad-Dwana qed jaħdmu sabiex iżidu l-kooperazzjoni Prattika bejn l-uffiċċji tad-Dwana tal-portijiet prinċipali ta' l-UE. Dawn il-Gruppi jeżaminaw materji Prattiċi ta' tħaddim, jistabbilixxu l-istandards u jimmiraw sabiex jiksbu applikazzjoni ekwivalenti tal-kontrolli.

Fuq il-konsultazzjonijiet u l-iżviluppi ulterjuri fil-qasam tad-Dwana, il-Kummissjoni taġġorna perjodikament il-Gwida dwar il-Proċeduri Doganali għat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira l-għdida. L-aħħar verżjoni ta' din il-Gwida hija l-verżjoni Nru 3, aġġornata fl-14 ta' Jannar 2004.

#### 4.3. Servizzi tal-Port u Sigurtà

It-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira jeħtieġ portijiet effiċjenti u akkoljenti kemm jekk dawn ikunu portijiet fuq il-baħar, fi gżejjer jew portijiet tax-xmajjar. Jeħtieġ ħinijiet ta' xogħol raġonevoli, u proċeduri u tariffi trasparenti. Huwa biss b'portijiet li jaħdmu mingħajr intoppi fil-katina ta' mezzi differenti trasport, li t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira jista' jkabbar ir-rwol veru tiegħu fl-Ewropa. U dawn il-kundizzjonijiet mhux dejjem qed jintlaħqu.

Konsegwentement, il-Kummissjoni fl-2001 għamlet proposta dwar l-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-port<sup>16</sup> fl-Unjoni Ewropea. Din il-proposta hija ndirizzata sabiex iżżid l-effiċjenza u tnaqqas l-ispejjeż ta' ċerti servizzi tal-portijiet: pilotaġġ, irmunkar, irmiġġ, servizzi lill-passiġġieri u t-tagħbija tal-merkanzija.

<sup>13</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Ambjent sempliċi u mingħajr dokumenti għad-Dwana u l-Kummerċ, COM(2003) 452 finali, 24.7.2003.

<sup>14</sup> Deċiżjoni Nru 253/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2003 li adottat programm ta' azzjoni għad-dwana fil-Komunità (Dwana 2007), ĠU L 36, 12.2.2003, p.1.

<sup>15</sup> RALFH li jkopri l-portijiet ewlenin tat-Tramuntana ta' l-UE u ODYSSUD li jkopri l-portijiet ewlenin tan-nofsinar ta' l-UE.

<sup>16</sup> Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-portijiet COM(2001) 35 finali, 13.2.2001, kif emendata bil-COM(2002) 101 finali, 19.2.2002.

Madanakollu, l-Parlament Ewropew ivvota kontra t-test propost wara l-konċiljazzjoni mal-Kunsill. Konsegwentement, il-kompetizzjoni fis-suq tas-servizzi tal-port għadha anqas minn kif kienet tkun b'Direttiva speċifika.

Fil-qasam tas-sigurtà tal-portijiet, it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira jista' jibbenefika mill-opportunità fil-Konvenzjoni SOLAS (Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar) sabiex jinkludi ftehim bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri dwar l-arranġamenti alternattivi fuq is-sigurtà (ara l-Anness V).

#### **4.4. Unità ta' Kejl tat-Tagħbija**

L-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni ta' l-unitajiet ta' kejl tat-tagħbija jistgħu jkollhom influwenza pożittiva fuq it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira, per eżempju, billi jippermettu li dan it-tip ta' trasport jippenetra s-suq tat-trasport bl-art biss u tal-kontenituri kbar li jistgħu jinjalghu u jitpoġġew fuq vettura oħra (ara l-Anness VI).

### **5. TOROQ TAL-BAĦAR**

Il-Karta Bajda dwar il-Politika Ewropea ta' Trasport għall-2010 enfasizzat bil-kbir il-kunċett ta' "Toroq tal-Baħar". Dawn it-Toroq tal-Baħar għandhom isiru parti min-*network* trans-Ewropew (TEN-T) – bl-istess mod tat-toroq u l-linji tal-ferrovija - u jnaqqsu l-konġestjoni fuq it-toroq u/jew itejbu l-aċċess għar-reġjuni u l-Istati periferali jew gżejjer. Minn barra li jnaqqsu n-numru ta' trakkijiet fuq it-toroq prinċipali, huma jistgħu wkoll f'ċerti każijiet jikkontribwixxu għaż-żieda fit-trasport tal-passiġġieri bil-baħar peress illi l-bastimenti jistgħu jgħorru l-merkanzija u l-passiġġieri fl-istess ħin.

It-Toroq tal-Baħar għandhom isiru parti integrali mill-katina tal-loġistika bieb-bieb u joffru servizzi effiċjenti, regolari, ta' min joqgħod fuqhom u frekwenti li jistgħu jikkompetu mat-trasport bit-toroq, per eżempju f'termini ta' ħin ta' transitu u prezz. Il-portijiet konnessi mat-Toroq għandhom ikollhom konnessjonijiet effiċjenti fuq l-art, proċeduri amministrattivi rapidi u livell għoli ta' servizzi mmirati sabiex jirrendu t-trasport l-operazzjonijiet ta' trasport bil-baħar fuq distanza qasira suċċess.

Minkejja li t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira huwa l-mod ta' kif wieħed għandu jopera fuq it-Toroq tal-Baħar il-kunċett bażi huwa usa minn dak tat-Toroq tal-Baħar, minħabba li minbarra l-konnessjonijiet transnazzjonali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira jinkludi wkoll konnessjonijiet ma' pajjiżi terzi fil-qrib, konnessjonijiet domestiċi u konnessjonijiet mit-territorju prinċipali lejn il-gżejjer.

F'Ottubru 2003, Il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tal-Linji ta' Gwida tal-Komunità dwar l-iżvilupp tat-TEN-T<sup>17</sup> inkluż id-29 proġett prijoritarju li riedu jiġu mplementati sa mhux aktar tard mill-2020. Dawn il-proġetti prijoritarji għandhom jiġu ddikjarati bħala ta' "interess Ewropew" u jirċievu fondi prijoritarji mir-riżorsi relevanti tal-Komunità. Il-Proġett Nru. 21 huwa l-proġett prijoritarju dwar l-iżvilupp tat-Toroq tal-Baħar. Qed jiġu proposti erba' żoni ta' Toroq tal-Baħar bħala parti minn dak il-proġett prijoritarju (ara l-mappa fl-Anness VII):

---

<sup>17</sup> Proposta emendata ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-proposta emendata ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li emendat id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar il-linji ta' gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-*network* trans-Ewropew tat-trasport, COM(2003) 564 finali, 1.10.2003.

- It-Triq tal-Baħar Baltiku (li tgħaqquad l-Istati Membri tal-Baħar Baltiku ma' l-Istati Membri ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Punent, inkluż ir-rota minn ġol-kanal tal-Baħar tan-Nord/Baħar Baltiku);
- L-Awtostrada tal-Baħar ta' l-Ewropa tal-Punent (li twassal mill-Portugall u Spanja lejn l-Ark Atlantiku lejn il-Baħar tan-Nord u l-Baħar Irlandiż);
- L-Awtostrada tal-Baħar ta' l-Ewropa tax-Xlokk (li tgħaqquad il-Baħar Adrijatiku lejn il-Baħar Jonju u l-Mediterran tal-Lvant, inkluż Ċipru);
- L-Awtostrada tal-Baħar ta' l-Ewropa tal-Lbiċ (Mediterran tal-Punent, li tgħaqquad lil Spanja, Franza, l-Italja u nkluża Malta u li tgħaqquad ma' l-Awtostrada tal-Baħar ta' l-Ewropa tax-Xlokk, inkluż il-konnessjonijiet mal-Baħar l-Iswed).

Il-Parlament Ewropew approva l-Pożizzjoni Komuni dwar il-proposta tal-Kummissjoni f' April 2004. L-artikolu l-ġdid 12a dwar l-Awtostradi tal-Baħar issa jippermetti għajnuna tal-Komunità għal sensiela ta' miżuri fil-qafas tan-*network* trans-Ewropew. Il-mekkaniżmu jippermetti lill-Istati Membri, bl-għajnuna tal-Komunità, jassistu, fost l-affarijiet l-oħra fl-infrastruttura, faċilitajiet u sistemi ta' mmaniġġjar loġistiku bbażati fuq proċedura apposta ta' appalti.

L-għajnuna għall-iżvilupp ta' l-Awtostradi tal-Baħar għandha tkun ibbażata fuq l-istess kriterji tal-Marco Polo<sup>18</sup>, bħal li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-vijabbiltà tal-proġett fih innifsu wara l-perijodu ta' fondi tal-Komunità<sup>19</sup>.

Sabiex tgħin dan il-proċess, il-Kummissjoni qed tiżviluppa linji ta' gwida li jstipulaw il-kriterji u l-proċeduri għall-finanzjament tal-proġetti ta' l-Awtostradi tal-Baħar skond ir-regoli tan-*network* tat-trasport trans-Ewropew u dan jiffaċilita l-applikazzjoni Prattika ta' dawk ir-regoli. Il-linji ta' gwida mistennija jkunu lesti ftit wara li l-Linji ta' Gwida Ten-T jidħlu fis-seħħ.

Il-konnessjonijiet bil-baħar bil-karatteristiċi ewlenin ta' l-Awtostradi tal-Baħar diġà jeżistu (ara l-Anness VIII għal eżempji), u l-konnessjonijiet tul til-Fliegu Inġliż u l-Istrett ta' Kattegat (Danimarka/Svezja) huma l-eżempji l-aktar ċari. Madanakollu, qed jiġu mitluba standards ta' l-oġhla kwalità u espansjoni konsiderevoli ta' tali konnessjonijiet sabiex tinkiseb il-mira ambizzjuża tal-Karta Bajda tal-Kummissjoni dwar il-Politika Ewropea tat-Trasport għall-2010, jiġifieri li jkun hemm parti sinjifikanti mit-tkabbir fit-trasport assorbita mit-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira u, b'mod partikolari, bil-konnessjonijiet fuq l-Awtostradi tal-Baħar.

<sup>18</sup> Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Komunità għat-tiġib tar-rendiment ambjentali tas-sistema ta' ġarr tal-merkanzija (Programm Marco Polo), ĠU L 196, 2.8.2003, p.1

<sup>19</sup> Kundizzjonijiet ewlenin oħra taħt il-Marco Polo huma li l-azzjoni twassal għal bidla attwali, sostanzjali u kwantifikabbli lil hemm mit-trasport bit-toroq; pjan ta' negozju realistiku (u, skond dan il-pjan, vijabbiltà wara l-finanzjament tal-Komunità); il-proċedura ta' l-għażla ta' servizzi ta' partijiet terzi trid tkun trasparenti, oġġettiva u mhux diskriminatorja; l-azzjoni trid tkun tinvolvi t-territorju ta' mill-anqas żewġ Stati Membri jew ta' l-anqas Stat Membru wieħed u pajjiċi terzi viċin; il-proġetti jridu jiġu sottomessi minn konsorzji ta' tnejn jew aktar impriċi stabbiliti f'mill-anqas żewġ Stati Membri differenti jew ta' l-anqas Stat Membru wieħed u pajjiċi terzi viċin; u irid ikun hemm limitu aggregat għall-għajnuna tal-Komunità u ta' l-Istat li tkun kompatibbli ma' l-arranġamenti dwar l-għajnuna Statali stipulata fit-Trattat.

## 6. MARCO POLO

Il-programm “Azzjonijiet Pilota għal Trasport Kombinat” (PACT)<sup>20</sup> li skada fl-aħħar ta' l-2001. Dan ġie segwit minn programm ġdid, “Marco Polo”, f'Awissu 2003<sup>21</sup>. Dan il-programm il-ġdid huwa usa minn dak ta' qablu peress illi jista' jissussidja l-azzjonijiet kollha fis-sezzjonijiet tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira, ferrovija u kanali. Marco Polo għandu l-mira ambizzjuża li jitrasferixxi 12-il biljun tunnellata-kilometri fis-sena minn fuq it-toroq lejn il-mezzi ta' trasport l-oħra. Il-baġit tal-programm il-ġdid huwa ta' 100 miljun EUR għall-perijodu 2003-2006.

L-ewwel sejħa għal proposti taħt il-Marco Polo ġiet ppubblikata f'Ottubru 2003 b'baġit ta' 15-il miljun EUR. Taħt din is-sejħa l-Kummissjoni rċeviet 87 proposta eliġibbli li talbu sussidji f'total ta' 182.4 miljun EUR.

Sitta u tletin fil-mija (36%) tal-proposti kienu marbuta direttament mat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira, 5% kienu proġetti marbuta mal-kanali u 25% kienu jinvolvu aktar minn metodu ta' trasport wieħed li mhux bit-toroq (e.ż. Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira flimkien ma' trasport bil-ferrovija jew bil-kanali).

Il-proposti tat-trasport bil-baħar fuq distanza qasira fil-fażi ta' l-għażla kienu ġeneralment ta' kwalità għolja u sehem sostanzjali mill-proġetti aċċettati ser jinvolvu t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira.

## 7. NETWORKS TA' PROMOZZJONI FIL-LIVELLI AMMINISTRATTIVI U PRATTIĊI

Mhux kulħadd, s'issa, huwa konxju mill-benefiċċji tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira bieb-bieb. Dan il-fatt qed jiġi ndirizzat permezz ta' promozzjoni ġenerali fil-livell ta' l-UE<sup>22</sup> u żewġ networks Ewropej separati ta' promozzjoni kull wieħed bil-kompiti speċifiċi tiegħu: Punti Fokali tat-trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira u Ċentri tal-Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira.

### 7.1. Punti Fokali tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira

Il-Punti Fokali tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira huma membri kkwalfikati sew taċ-civil fl-amministrazzjonijietnazzjonali u responsabbli minn dak il-metodu ta' trasport fil-livell nazzjonali fi ħdan l-amminiztrazzjonijiet pubbliċi tagħhom. Huma jaħdmu f'koordinazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni u l-politika ta' l-UE. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Punti Fokali ngħaqdu fil-livell ta' l-UE sabiex jiskambjaw l-esperjenza, jiddiskutu l-metodi ta' promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza qasira, biex jindirizzaw il-punti ta' konġestjoni li jfixklu l-iżvilupp ta' dan il-metodu ta' trasport u jfasslu strateġiji ġodda sabiex jagħmlu dan il-metodu ta' trasport aktar attraenti. Huma jiltaqgħu medja ta' darbtejn fis-sena taħt il-presidenza tal-Kummissjoni. Il-Forum ta' l-Industriji Marittimi huwa rappreżentat bħala osservatur f'dawk il-laqgħat.

<sup>20</sup> Għal aktar informazzjoni ara [http://europa.eu.int/comm/transport/marcopolo/pact/projects\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/transport/marcopolo/pact/projects_en.htm).

<sup>21</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna **Error! Bookmark not defined.**

<sup>22</sup> Ara [http://europa.eu.int/comm/energytransport/maritime/sss/index\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/energytransport/maritime/sss/index_en.htm).



Kwasi l-Istati Membri kollha li għandhom kosta ħatru Punti Fokali, u l-istess għamlu n-Norveġja u l-Islanda pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi kandidati bħall-Bulgarija, ir-Romanija u t-Turkina. Anke l-Kroazja għandha Punt Fokali.

Il-Punti Fokali huma l-atturi ewlenin fl-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri sabiex jikkoordinaw il-politiki ta' Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira ma' l-amministrazzjonijiet tagħhom u ma' amministrazzjonijiet oħrajn. Huma jiżguraw ukoll li t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira jinżamm fuq quddiem fuq l-aġenda politika.

Il-Punti Fokali kienu attivi ħafna u għamlu differenza ċara f'kif l-amministrazzjonijiet nazzjonali jħarsu lejn it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira. Huma jaħdmu wkoll sabiex jiksbu kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet differenti, bejn l-amministrazzjonijiet u l-industriji rilevanti, u bejn l-amministrazzjonijiet u ċ-Ċentri ta' Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira. Kienu strumentali sabiex jiġu riżolti numru ta' problemi amministrattivi għall-benefiċċju tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira.

## **7.2. Ċentri ta' Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira u tan- Network Ewropew tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira**

Apparti minn hekk, bħalissa qed joperaw 16-il Ċentru tal-Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira<sup>23</sup> nazzjonali. Dawn iċ-Ċentri ta' Promozzjoni jaħdmu in linja mal-politika tal-Kummissjoni iżda huma juru varjetà kbira ta' metodi ta' ħidma sabiex jindirizzaw l-udjenzi nazzjonali. Huma mmexxija mill-interessi tan-negozju li jifhmu l-benefiċċji ta' korp newtrali li jippromwovi l-użu tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira.

Dawn iċ-Ċentri jgħinu lil min ikun bi ħsiebu juża t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira b'pariri u informazzjoni. Ix-xogħol ta' promozzjoni jsir, fost l-affarijiet l-oħra permezz ta' preżentazzjonijiet lil udjenzi mmirati, laqgħat bilaterali ma' gruppi mmirati, risposti lil domandi individwali, jintbgħatu ittri (skedi ta' fatti), stqarrijiet lill-istampa u esibizzjonijiet. Dawk li jgħorru l-merkanzija bil-baħar u fuq it-toroq qed jiġu ndirizzati speċifikament b'dan ix-xogħol sabiex jiġi nfluwenzat il-mod kif jaħsbu u jaħdmu fit-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira. Ċerti Ċentri ta' Promozzjoni għaddejin ukoll b'inizjattivi speċifiċi, bħal dawk li jħajru żgħażaġħ jersqu lejn karriera fis-settur tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira jew tal-loġistika marittima.

It-twaqqif ta' aktar Ċentri nazzjonali tal-Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira għadu għaddej f'numru ta' pajjiżi Ewropej oħrajn.

U peress illi t-trasport bil-baħar huwa negozju internazzjonali b'konsumaturi fuq iż-żewġ trufijiet tar-rota qasira, iċ-Ċentri ta' Promozzjoni huma konnessi flimkien fil-livell Ewropew. In-Network Ewropew tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira tagħhom jippermetti li l-utenti potenzjali ta' dan il-metodu jibbenefikaw, mhux biss minn kopertura ġeografika sħiħa iżda wkoll mill-ispeċjalizzazzjoni taċ-Ċentri ndividwali.

In-Network Ewropew tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira għandu l-missjoni li jżid il-profil tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira. Dan in-Network jimmira li jsir sors ewlieni ta' informazzjoni dwar dan il-metodu ta' trasport. Huwa jagħti valur miżjud lix-xogħol taċ-

<sup>23</sup> Fil-Belġju, Danimarka, Finlandja, Franza, Ġermanja, Greċja, Irlanda, Italja, Litwanja, Olanda, Norveġja, Polonja, Portugall, Spanja, Svezja u Renju Unit. Għall-hyperlinks, ara [www.shortsea.info](http://www.shortsea.info).

Ċentri ta' Promozzjoni individwali billi jipprovdi mezz sabiex huma jiskambjaw informazzjoni u ideat bejniethom, billi jagħtu parir u għajjnuna liċ-Ċentri l-ġodda u billi jiżgura żvilupp kontinwu tal-portal ewlieni tan-Network fuq l-internet.

In-Network Ewropew tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira huwa prodott uniku disponibbli fuq l-Internet ([www.shortsea.info](http://www.shortsea.info)). Din hija database tas-Servizzi tal-Vapuri tal-Merkanzija li joperaw fuq distanza qasira fl-Ewropa. L-ewwel fażi tad-database diġà tista' tiffidat u hija estiża u aġġornata regolarment. Fit-tieni fażi, ser jiġu miżjuda possibiltajiet mkabbra għall-estrazzjoni u l-iskambju tad-data.

Is-sorsi ta' finanzjament taċ-Ċentri tal-Promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira jirreflettu varjetà kbira ta' sorsi pubbliċi u privati. Sabiex iċ-Ċentri jkunu jistgħu jilhqnu l-miri tagħhom, huwa mportanti għalihom li jkollhom, ta' l-inqas, sigurtà finanzjarja fit-terminu medju. L-għajjnuna pubblika huwa mezz tajjeb ta' kif tiġi assicurata n-newtralità taċ-Ċentri u ta' kif tissaħħaħ il-kredibilità tagħhom. Apparti minn dan, il-parteċipazzjoni wiesgħa ta' l-industrija hija fundamentali għaċ-Ċentri.

Il-Kummissjoni Ewropea ssostni bis-siġħ dawn iċ-Ċentri ta' Promozzjoni u n-Network tagħhom u taħdem sabiex tiżgura li dawn ikunu qed jiffunzjonaw sew u tipprovdi l-għajjnuna meħtieġa fit-tfassil tal-politika ta' attivitajiet tagħhom.

## **8. ŻVILUPPI NAZZJONALI**

Waqt li kienet qed tfejji din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni talbet għall-kontribut tal-Punti Fokali tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira. Il-Kummissjoni tiringrazzjom għal dan il-kontribut li ġie rifless f'bosta partijiet f'din il-Komunikazzjoni u, b'mod partikolari, fl-Anness IX.

## **9. BĦALA KONKLUŻJONI**

Filwaqt li kien ikkunsidrat bħala metodu ta' trasport b'rendiment aktar baxx, it-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira issa bil-provi wera li huwa kapaċi jilħaq livelli ta' kompetittività li normalment ikunu attribwiti biss lit-trasport bit-toroq. Madanakollu, it-tkabbir mistenni fil-ġarr ta' l-oġġetti fl-Ewropa jitlob li t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira jkompli jespandi dejjem aktar sabiex jagħti kontribut siġħ lis-soluzzjoni tal-problemi futuri tat-trasport fl-Ewropa.

Minkejja l-messaġġ ċar u positiv ta' din il-Komunikazzjoni, wieħed irid jiftakar illi l-promozzjoni tat-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira huwa eżerċizzju mmirat lejn it-terminu t-twil u l-impatt tal-ħidma għaddejja jista' biss jitkejjel fuq skala Ewropea fuq perspettiva itwal ta' żmien. Il-Kummissjoni ser tkompli tippromwovi t-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira u tirrevedi l-iżvilupp tagħha; għal dan il-għan bi ħsiebha tippreżenta Komunikazzjonijiet ulterjuri jew rapporti ta' progress kull meta jidrilha xierqa.